# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 23 ta' Jannar 2002

Citazzjoni numru 98/92 AJM

Kawza numru

Salvu Sammut

Vs

Francis Farrugia

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-30 ta' Jannar 1992 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li hu l-inkwilin tar-raba maghruf il-Qasam, limiti ta' Had-Dingli, u l-konvenut ghandu f'idejh u hu l-proprjetarju ta' raba adjacenti maghruf bhala 'Ta' Cassia' fil-limiti ta' Had-Dingli; illi recentement il-konvenut abbuzivament wessa' l-wied, gholla l-hajt li hemm fil-gemb tal-wied li jifred il-wied mir-raba tieghu fuq imsemmi u wassal dan il-hajt sal-kanali li ghandu fir-raba tieghu fuq imsemmi, li jgorru l-ilma ghar-raba ta' l-attur u ghalaq it-trejqa ta' mal-kanali; illi minhabba dan il-hajt u twessieh tal-wied u xoghol iehor fuq imsemmi, l-attur ma jistax jghaddi mal-kanali, kif ghandu dritt jaghmel u ilu zmien twil jaghmel; illi minhabba dawn ix-xogholijiet l-attur qed isofri

pregudizzju billi jekk jistaddu l-kanali ma jkunx jista' jiftahom u b'hekk jintilef l-ilma necessarju ghall-prodotti tal-istess attur u ssir hsara fir-raba u l-prodotti tal-attur; ili b'dan l-agir il-konvenut ikkommetta spoll recenti ghad-dannu tal-attur; talab li din il-qorti:-

1. tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll recenti ghad-dannu tal-attur, billi gholla l-hajt, wessa' l-wied, wassal il-hajt sal kanali u ghalaq it-trejqa kif intqal fuq;
2. tikkundanna lill-konvenut li jaghmel a spejjes tieghu x-xogholijiet kollha necessarji biex jaghmel kollox fl-istat pristin, taht id-direzzjoni ta' perit nominat minn din il-Qorti, fit-terminu qasir u pernetorju li tiffissa din il-Qorti;
3. fin-nuqqas tawtorizza lill-attur li jaghmel l-istess xogholijiet hu stess jekk jghaddi t-terminu prefiss inutilment, taht id-direzzjoni tal-perit imsemmi u a spejjes tal-konvenut.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-3 ta' Marzu 1992 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Preliminarjament illi l-azzjoni attrici ddekadiet bid-dekors ta' aktar minn xahrejn mid-data tal-atti lamentati ghat-termini ta' l-artikolu 535 tal-Kodici Civili.
2. Fil-mertu illi dak allegat mill-attur u minnu attribwit lill-eccipjenti qed jigi kontestat bhala inveritier.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat ir-rikors tal-attur tal-14 ta' Novembru 2001 li permezz tieghu wara li ssottometta li bis-sentenza taghha tat-12 ta' Novembru 2001 fil-kawza fl-ismijiet premessi din il-Qorti naqset milli tiffissa terminu ghall-esekuzzjoni tax-xogholijiet ordnati u ghalhekk talab li a termini ta' l-artikolu 235 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti joghgobha tiddecidi din it-talba.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-3 ta' Dicembru 2001 meta l-konvenut informa l-Qorti li huwa kien ippresenta appell mis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk talab li din il-Qorti tissoprasjedi pendenti l-ezitu ta' l-appell.

Rat is-sentenza taghha tat-12 ta' Novembru 2001 fil-kawza fl-ismijiet premessi kif ukoll l-atti tal-kawza.

Ittrattat ir-rikors.

Ikkunsidrat:-

Bic-citazzjoni fuq imsemmija l-attur oltre li kien talab dikjarazzjoni dwar spoll kommess mill-konvenut fil-konfront tieghu, talab ukoll li dan jigi kundannat jaghmel a spejjes tieghu x-xogholijiet kollha necessarji biex jaghmel kollox fi stat pristinu taht is-sorveljanza ta' perit nominat u dana fit-terminu qasir u perentorju li jigi ffissat. Alternattivament talab li jigi awtorizzat jaghmel huwa stess x-xogholijiet jekk it-terminu jghaddi inutilment.

Bis-sentenza taghha tat-12 ta' Novembru 2001 din il-Qorti, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, laqghat it-talbiet attrici ddikjarat li

l-konvenut kien ikkommetta spoll kontra l-attur u ghalhekk ikkundannatu jaghmel ix-xogholijiet necessarji taht is-sorveljanza tal-AIC Rene Buttigieg. F’dik l-okkazzjoni izda l-Qorti naqset milli tippronunzja ruhha dwar terminu ghall-ezekuzzjoni tax-xogholijiet ordnati.

Ikkunsidrat:-

L-artikolu 235 tal-Kodici ta’Organizzazjoni u Procedura Civili jipprovdi li meta l-Qorti ta’ l-ewwel grad thalli barra fid-decizjoni wahda mit-talbiet proposti, ma jinghatax appell *ab omissa decisione*: izda kull wahda mill-partijiet tista’, fi ziem ta’ hmistax-il jum minn dak inhar tas-sentenza, bil-mezz ta’ rikors, titlob lill-qorti ta’ l-ewwel grad li taqta dik it-talba; u fuq dan ir-rikors, wara li l-partijiet jigu mharrkin mill-gdid, il-Qorti tiddecidi fuq dik it-talba; f’dan il-kaz, iz-zmien ghall-appell mis-sentenza kollha, jew minn kull parti minnha, jibda jghodd minn dak inhar ta’ l-ahhar decizjoni.

Illi l-attur issodisfa r-rekwiziti tal-imsemmi artikolu billi t-talba saret fit-terminu u permezz ta’ rikors. Inoltre l-konvenut gie notifikat u deher ghas-seduta meta gie appuntat is-smigh tar-rikors.

Illi t-talba tidher gustifikata billi fic-citazzjoni intalab li jigi fissat terminu kif ukoll billi l-imposizzjoni ta’ dan it-terminu huwa mehtieg sabiex s-sentenza tkun ezegwibbli. B’dana kollu l-imposizzjoni ta’ terminu hija haga sekondarja li ma teffettwa bl-ebda mod il-proceduri fl-appell istitwiti mill-konvenut u dana billi jekk l-eccezzjonijiet tal-konvenut jigu milqugha kull terminu impost ma jkollux aktar rilevanza.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors tal-attur u b'hekk tiddecidi ulterjorment ghas-sentenza moghtija fit-12 ta' Novembru 2001 fil-kawza fl-ismijiet Salvu Sammut vs Francis Farrugia (Citaz Nru 98/92 AJM) billi tordna lill-konvenut jaghmel ix-xogholijiet mehtiega skond is-sentenza fi zmien tlett xhur mil-lum.

Fic-cirkostanzi li spejjes ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Onor Imhallef Albert J. Magri